MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 1192/2012

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 3552/12 tad-9 ta` Novembru 2012 fl-ismijiet :**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

***kontra***

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti :**

**<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-HSBC Bank Malta plc ("**<u>il-Bank</u>**") prezentat fid-<u>29 ta` Novembru 2012</u> li jaqra :-

*Illi permezz ta` ittra ufficjali tad-9 ta` Novembru 2012 mibghuta taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta mid-Direttur tar-Registru Pubbliku kontra s-socjeta` rikorrenti HSBC Bank Malta plc, il-mittenti intima lill-Bank rikorrenti biex ihallas is-somma ta` hdax-il elf, sitt mija u tnejn u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€11,682.10) rapprezentanti ammont li ghandhom jithallsu lir-Registru Pubbliku ghar-ricerki ordnati fis-26 ta` Lulju 2006 [dokument A] ;*

*Illi l-ammont mitlub mhux dovut ghal diversi ragunijiet kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors, fosthom is-segwenti :-*

*a) L-azzjoni hija preskritta bit-terminu ta` hames (5) snin (Artikolu 2156(f) u/jew (g) tal-Kodici Civili ;*

*b) Minghajr pregudizzju, it-talba ghall-hlas hija nsostenibbli stante li r-ricerki in kwistjoni qatt ma gew konsenjati lill-Bank rikorrenti jew b`xi mod iehor depositati qabel ma ntbaghtet l-ittra bit-talba ghall-hlas, izda baqghu u ghadhom fil-pussess tar-Registru Pubbliku ;*

*c) Minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, it-talba ghar-ricerka saret biss ghal noti registrati fil-konfront ta` St. Andrews Hotel Ltd klijenta tar-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant il-Bank rikorrenti jopponi t-talba maghmula mid-Direttur tar-Registru Pubbliku permezz tal-ittra ufficjali tieghu tad-9 ta` Novembru 2012 u*

*konsegwentement u ghar-ragunijiet fuq dedotti, il-Bank rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara li t-talba tad-Direttur tar-Registru Pubbliku hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq esposti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrent.

Rat id-dokument li kien anness mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li d-Direttur tar-Registru Pubbliku (**id-Direttur**") pprezenta fid-9 ta` Jannar 2013 li taqra hekk :

*1. Illi tajjeb jigi spjegat li s-socjeta` konvenuta kienet ordnat ricerka fis-26 ta` Lulju 2006, liema ricerka tammonta ghal Lm5,092.40 ;*

*2. Illi l-preskrizzjoni li qed tigi revokata mis-socjeta` rikorrenti hija newtralizzata b`dikjarazzjoni taghha stess fejn fit-tielet paragrafu qed jigi eccepit li 'talba ghar-ricerka saret biss ghal noti registrati fil-konfront ta` St. Andrews Hotel Ltd klijenta tar-rikorrent' ;*

*3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm m`hemmx interruzzjoni ta` preskrizzjoni biex din tigi eccepita b`success, is-socjeta` rikorrenti ma tistax tqanqal il-preskrizzjoni kwinkwennali b`success sakemm hija ma tihux il-gurament kif imfisser fl-* ***Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta*** *;*

*4. Illi minghajr hsara ghal premess, ir-raguni msemmija mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat taghha li r-ricerka in kwistjoni qatt ma gew konsenjati lill-Bank rikorrenti jew b`xi mod iehor depositati qabel ma ntbaghtet l-ittra bit-talba ghall-hlas, izda baqghu u ghadhom fil-pussess tar-Registru Pubbliku mhijiex misthoqqa. Dan ghaliex huwa ben maghruf li r-ricerki li jsiru jingabru minn min isaqsi ghalihom dakinhar li jkun hemm il-hlas. Ghalhekk, f`dawn ic-cirkostanzi ladarba s-socjeta` rikorrenti ghamlet l-ordni u l-hlas ta` din l-ordni ma saritx, m`ghandhiex tippretendi li tigi kkonsenjata jew depositata b`dawk ir-ricerki ;*

*5. Illi wiehed ghandu jinnota li l-ammont dovut mis-socjeta` rikorrenti huwa fil-fatt ghal ricerka ta` noti registrati fil-konfront ta` St. Andrews Hotel Limited kif huwa muri fl-ircevuta numerata 168702 mahruga mill-esponent fis-26 ta` Lulju 2006. Din ir-ricerka kienet saret fl-2006, fejn f`dik is-sena Malta kienet ghadha bil-Lira taghha u ghalhekk dak li hemm imnizzel fl-invoice huwa valur bil-Lira Maltija u cioe` Lm5,092.40 ;*

*6. Illi ghaldaqstant, fid-dawl ta` dak li inghad hawn fuq, l-oggezzjonijiet imqajma mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha ghandhom jigu michuda, salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw skont il-ligi ;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut.

Rat id-deposizzjonijiet tal-persuni li xehdu fil-kors tal-kawza.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Mejju 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar il-pretensjoni tal-Bank rikorrent illi d-Direttur ma jistax jinsisti fl-azzjoni skond l-Art 466 tal-Kap 12 billi l-azzjoni tieghu hija preskritta bid-dekors ta` hames (5) snin skond l-Art 2156(f) u l-Art 2156(g) tal-Kap 16.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**Provi**

Fl-**affidavit** tieghu tal-1 ta` Marzu 2013, **Av. Eric Mamo** bhala rapprezentant tal-Bank - ghall-fini tal-Art 2160 tal-Kap 16 – ikkonferma illi l-Bank mhuwiex debitur tad-Direttur intimat. Fis-seduta tal-5 ta` Mejju 2014, l-istess xhud kien mistoqsi jekk l-HSBC Malta kienx debitur tad-Direttur tar-Registru Pubbliku skond l-avviz. It-twegiba ta` Dr Mamo kienet illi l-Bank ma kienx debitur. Mistoqsi x`ried ifisser bil-kliem "skond l-avviz", Dr Mamo wiegeb illi l-HSBC Malta jordna mas-€70,000 ricerki fis-sena ; ghalhekk ma setax jghid li m`ghandux jaghti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b`mod assolut ; izda kompla jsostni li fejn si tratta tal-procediment attwali, il-bank ma kienx debitur tad-Direttur intimat.

**Dr. Keith German** - Direttur u Registratur tal-Artijiet - iddikjara illi fis-26 ta` Lulju 2006, l-Bank kien ordna ricerki pubblici dwar il-kumpannija St. Andrews Hotels Limited. Dawn ir-ricerki tlestew u l-ammont dovut ghat-tlestija taghhom kien jammonta ghal €11,862.10. Ir-ricerki qatt ma ngabru mill-Bank. Ir-Registru Pubbliku qatt ma gie nfurmat illi l-Bank intimat ma riedx dawk ir-ricerki. Wara li r-Registru Pubbliku baghat ittra lill-Bank, Dr Eric Mamo baghat email ta` oggezzjoni – Dok. EM 1. Wara dik l-email, huwa informa lil Dr Mamo fis-16 ta` Settembru 2011 li kien se

jinvestiga l-kaz u jaghti risposta. In segwitu u cioe` fis-27 ta` Ottobru 2011, saret laqgha bejn il-partijiet fejn rega` ssemmew il-hwejjeg kontenuti fl-email. Bhala rizultat, il-partijiet ftehmu li hu kellu jerga` jara r-ricerki sabiex jistabilixxi kienx hemm minnhom li kienu rrilevanti ghall-htigijiet tal-bank. Fit-2 ta` Marzu 2012, ir-Registru Pubbliku informa lill-Bank illi dak li kien prodott mid-Dipartiment kien kollu rilevanti ; ghalhekk kellu jsir l-hlas. Fis-26 ta` Marzu 2012, il-Bank informa lid-Direttur li, bla pregudizzju kien lest li jhallas l-ammont ta` €1,186.21 *"to cover your administrative expenses and in the interest of maintaining the good rapport we have always had."* B`risposta r-Registru Pubbliku nforma lill-HSBC li ma kienx qed jaccetta dak il-hlas u nsista li jithallas kull ma kien dovut. Fit-13 ta` Settembru 2012, ir-Registru Pubbliku baghat "Final Notice" sabiex il-bank ihallas sat-13 ta` Ottobru 2012.

**Ikkunsidrat :**

**III. Sottomissjonijiet**

**Il-Bank** ighid illi sabiex l-allegat debitur jista` jinvoka l-preskrizzjoni, huwa ghandu jinvoka l-preskrizzjoni li hija applikabbli ghal kwistjoni u li kien hemm it-trapass taz-zmien necessarju. Il-Bank invoka l-preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet citati fir-rikors guramentat ghaliex il-hlas pretiz huwa ghal ricerki li gew ordnati fir-Registru Pubbliku, u li ghalhekk stante li l-hlas wiehed jintalab minn dipartiment governattiv, l-azzjoni tista` titqies bhala azzjoni tal-Gvern mhux biss ghaliex il-kreditur huwa l-Gvern, izda wkoll ghaliex ir-rata ta` hlas ghal ricerki hija stabbilita fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku. Jekk huwa hekk, it-talba taqa` taht l-Art. 2156(g) tal-Kap 16. Jekk il-Qorti thoss illi l-hlas mitlub m`ghandux jitqies bhala `*dritt gudizzjarju*`, allura ghandu japplika l-Artikolu 2156(f) li jirreferi ghal `*hlas ta` kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg* ohra.` Dan premess kien rilevat illi d-Dok. A ezebit mal-ittra ufficjali tar-Registru Pubbliku huwa datat 26 ta` Lulju 2006, filwaqt li l-ittra ufficjali ntbaghtet fid-9 ta` Novembru 2012, jigifieri wara li kienu ghaddew sitt snin. Dwar il-kwistjoni jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gietx fix-xejn meta l-bank sostna li *"t-talba ghar-ricerka saret biss ghal noti fil-konfront ta` St. Andrews Hotel Ltd"*, inghad illi dak l-argument ma kienx iregi ghaliex il-bank ha l-gurament decizorju, fejn ikkonferma li ma kienx debitur tad-Direttur u kwindi ma kienx qed jirrikonoxxi d-dejn. Dwar il-gurament decizorju, saret referenza ghas-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet "**Zammit & Cachia Trading Co Ltd et vs Francis Mizzi"** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-7 ta` Dicembru 2005, "**Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Emanuel Aquilina**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-

14 ta` Dicembru 2001 u "**FX Borg Furniture Limited vs Sandro Galea"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta` April 1998.

**Minn naha tieghu, id-Direttur i**ghid illi kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-bank ghaliex fit-13 ta` Settembru 2011, Dr. Eric Mamo baghat email, fejn stqarr li r-ricerka kienet ordnata u ma kenitx ingabret. Saret referenza ghas-sentenzi fil-kawzi "**Austin Psaila vs Lother Slabick"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2005 ; "**Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission**" deciza mill-Prim Awla fil-15 ta` Ottubru 2003 ; "**Anthony Guillaumier vs Joseph Cassar Aveta"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Dicembru 1998 ; "**Albert Mizzi ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta Air Malta Company Limited et vs John Mouso pro et noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta` April 2004 ; "**Carmelina Vella vs Anthony Borg"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta` Settembru 1994 ; u "**Josephine Micallef vs Louis Zammit u St. Albans Company Limited"** deciza mill-Prim Awla fit-28 ta` April 2004.

B`referenza ghal din l-gurisprudenza d-Direttur jaccenna ghac-cirkostanzi fejn issehh interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Dwar il-gurament decizorju, kellu jkun id-Direttur li jitlob li dak il-gurament jittiehed mhux decizjoni tal-bank. Dwar dan il-punt saret referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Diego Attard et noe vs Angelo Fenech**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-15 ta` Frar 1965 ; "**Gio Maria Cauchi vs PA Annibale Lupi"** deciza mill-Prim Awla fil-22 ta` Lulju 2003 ; "**Emmanuele Aquilina vs Geraldo Sammut"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Ottobru 1953 ; u "**Giuseppe Schembri vs Giuseppe Grima"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-14 ta` Marzu 1964. A bazi ta` dawn is-sentenzi, l-affidavit tar-rapprezentant tal-bank ma jistax jitqies bhala decizorju ghall-fini tal-Art 2160 ghaliex r-rekwizit ta` dik id-disposizzjoni huwa illi wiehed jirrispondi li mhux debitur. Saret riferenza ghal "**Vincenza Cauchi vs Giovanni Scerri**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-28 ta` Ottobru 1955 u "**Frans Spiteri pro et noe vs Carmel Fsadni"** deciza mill-Prim Awla fid-19 ta` Marzu 1982.

Id-Direttur ighid illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija insostenibbli meta jkun hemm eccezzjoni ohra fejn jigi ammess li hemm debitu. Dwar dan saret riferenza ghal

"**Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta` Marzu 2004 ; "**Ramel u Zrar Limited vs Mixer Limited gja Planka Limited u Mixer Concrete Works Limited**" deciza mill-Prim Awla fit-22 ta` April 2004 ; "**Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Jannar 1998 ; "**Annunziato Camilleri vs Angelo Borg**" deciza mill-Prim Awla fil-21 ta` Marzu 1959 u "**Patrick Stanies noe vs Charles u Emmanuel Falzon noe**" deciza mill-Prim Awla fil-3 ta` Ottobru 2002.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

Li sejra taghmel il-Qorti f`dan l-istadju huwa li tistabilixxi x`ghamla ta` dejn huwa dak allegat mid-Direttur ghall-fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-**Art 2156(f) jew 2156(g) tal-Kap 16**. Fil-kaz tal-lum, id-Direttur talab il-hlas ghal ricerki.

**L-Art 2156(f)** ighid hekk :-

*l-azzjonijiet għall-ħlas ta` kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku ;*

**L-Art 2156(g)** jaqra :-

*salv kif provdut f`xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta` Malta, għall-ħlas ta` drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra.*

Riferibbilment ghall-Art 3(1) tal-Att dwar r-Registru Pubbliku jinghad illi *"Kull wiehed mill-ufficcji hawn fuq imsemmija hu mqieghed taht it-trigija ta` ufficjal imsejjah Direttur tar-Registru Pubbliku, minn hawn `il quddiem imsejjah id-Direttur, illi huwa wkoll it-Tezorier tar-Registru Pubbliku,* ***u jircievi ghall-Gvern il-hlasijiet ta` drittijiet*** *skond it-Tariffa fl-Ewwel Skeda li hawn ma` dan l-Att."*

Issa l-ammont li wiehed ihallas meta jordna ricerki mir-Registru Pubbliku, huwa regolat mill-Kap C Applikazzjonijiet, Ricerki u Certifikati tal-Ewwel Skeda.

**Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti stante illi hawn si tratta ta` hlasijiet ta` drittijiet, l-preskrizzjoni li kienet eccepita mill-Bank intimat u li tapplika ghal kaz in dezamina huwa l-<u>Art 2156 (g) tal-Kap 16</u>.**

Dan accertat u stabbilit, il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-gurament decizorju li huwa regolat bl-**<u>Art 2160(1) tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m`għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**<u>Aquilina Francis Xavier sive Mose vs Aquilina Emanuel J. noe</u>"** (14 ta` Dicembru 2001). Hemm il-Qorti qalet –

*L-artikolu 2160 tal-Kodici Civili li jitkellem dwar il-gurament decizorju dejjem kien interpretat b`mod illi minn jeccepixxi l-preskrizzjoni jehtieglu jixhed viva voce dwar il-kwezit hemm imnizzel u cioe` li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga hix mhallsa.*

*Anke jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun guramentata meta hekk prezentata,*

*dment illi ma ssirx il-prova skond l-Artikolu 2160 il-Qorti xorta ma tistax tiddeciedi favur l-eccipjent ghaliex jitqies li ma tkunx ingiebet prova dwar dik l-eccezzjoni.*

Fil-kawza "**Zammit & Cachia Trading Co Ltd vs Francis Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta` Dicembru 2005, inghad :-

*F` materja ta` preskrizzjonijiet jinsab profess fis-sentenza **"Hilda Bartolo et -vs- Giuseppina Zammit et",** Qorti Civili, Prim` Awla, 13 ta` Jannar 1953 illi, "kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista` jikkombattiha jew billi jaghti l- gurament lill-konvenut, jew b` xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmijin, jigifieri inammisibilita`, interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni". F` dan il-kas is-socjeta` attrici ghazlet il-mezz tal-giuramento decisorio definit fl- Artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili;*

*Il-precitat artikolu tal-ligi jipprovdi li, "il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m` ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa";*

*Fil-kumment tieghu fid-decizjoni fl-ismijiet "Avv. **Dr. Filippo Buttigieg -vs- Domenico Azzopardi",** Qorti Civili, Prim` Awla, 11 ta` Dicembru 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja illi, "id-disposizzjoni ta` l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant l-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta` l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha .... Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu";*

*Issokta jigi precizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza "**Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri",** Qorti tal- Kummerc, 28 ta` Ottubru 1955, illi "fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlefx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il- persuna";*

*Ghall-kompletezza tal-kwadru fuq din it-tematika, il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn ir-riljievi:-*

*(1) "Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-gurament lill-eccipjent. Jekk hi ma tiddeferrix l-gurament il-Qorti ma tistax tordnah ex officio" - **"Diego Attard et nomine -vs- Angelo Fenech",** Appell Kummercjali, 15 ta` Frar 1965;*

*(2) "Bhala regola generali d-dilazzjoni ta` dan il-gurament, minhabba n-natura tieghu, ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni, jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun giet eccepita, u mhux qabel" - **"Inginier Francesco M. Caruana -vs- Konti Francesco Sant Cassia et nomine",** Appell Civili, 11 ta` Ottubru 1940;*

*(3) "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B` dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" - **"Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras",** Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963; "Salvatore **Jacono -vs- Vincenza vedova Serra",** Appell Civili, 4 ta` Frar 1927;*

*(4) "Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju l-kawza ta` l- estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265 (1) [illum 2160 91)] Kodici Civili - **"Tabib Principali tal-Gvern -vs- Giorgina Muscat",** Appell Inferjuri, 8 ta` Marzu 1978.*

Ghal dak li jirrigwarda l-kawza tal-lum, id-Direttur ighid illi l-Qorti m`ghandhiex taghti piz lill-gurament decizjorju ta` Dr Mamo : primarjament ghaliex kellu jkun r-Registru Pubbliku li jitlob dak il-gurament u mhux tkun inizjattiva tal-parti l-ohra ; u t-tieni nett minhabba l-fatt li l-gurament decizorju ttiehed permezz ta` affidavit, mhux b`xiehda ; ghalhekk ma kienx validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Skond id-Direttur (fit-tielet eccezzjoni tieghu) : *is-socjeta` rikorrenti ma tistax tqanqal il-preskrizzjoni kwinkwennali b`success sakemm hija ma tihux il-gurament kif imfisser fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Mill-atti huwa evidenti illi l-gurament decizjorju skond l-Art 2160 tal-Kap 16 ittiehed mill-Bank (tramite r-rapprezentant tieghu) **wara** li d-Direttur ressaq l-eccezzjoni tieghu.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi ghal ewwel, l-gurament decizjorju ttiehed permezz ta` affidavit u f`dan il-kaz li kieku s-sitwazzjoni baqghet hekk, dan l-affidavit ma kienx ikun validu strettament ai termini tal-Art 2160 tal-Kodici Civili. Izda minbarra l-affidavit, tirrizulta wkoll x-xiehda *viva voce* ta` Dr. Eric Mamo a fol. 1209 tal-process, fejn l-Avukat Mamo mistoqsi jekk il-Bank kienx debitur tad-Direttur jirrispondi hekk :-

*"Il-bank mhux debitur skont l-avviz."*

*Dr. Mireille Sacco :*

*U meta tghid skond l-avviz xi trid tfisser biha ?*

*Xhud :*

*Ahna nordnaw mas-sebghin Elf Euro ricerki fis-sena, ma nistax nghidlek li m`ghandiex naghti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

*Dr. Mireille Sacco : Le, le skont l-avviz.*

*Xhud : Skont l-avviz m`ahniex debituri."*

In generali, din il-Qorti tikkonstata li d-Direttur seta` jwiegeb ghall-preskrizzjoni eccepita **jew** permezz tal-gurament decizorju skond l-Art 2160 tal-Kap 16 **jew** bil-mezzi l-ohra li kreditur jista` juza sabiex jiddefendi ruhu mill-preskrizzjoni jigifieri li kien hemm rinunzja jew interruzzjoni. F`dawn il-proceduri d-Direttur ghazel li jiddefendi ruhu bil-gurament decizjorju. Hija l-fehma tal-Qorti illi kontrarjament ghal dak li ghamel, ma setax sussegwentement jaghmel sottomissjonijiet dwar il-fatt li kien hemm rinunzja u interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-Bank, ghaliex malli d-Direttur ghazel li jaghti l-gurament decizjorju lir-rapprezentant tal-Bank ifisser illi rritjena li l-preskrizzjoni li kienet qed tigi eccepita mill-Bank setghet tigi **validament** **tinghata u jkollha effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi** – kif del resto din il-Qorti tghid illi kienet fid-dawl tal-osservazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet aktar kmieni.

Billi jirrizulta li l-Bank iddikjara illi ma kienx debitur tad-Direttur fil-kuntest tal-kwistjoni mertu ta` dan il-procediment, billi jirrizulta li l-invoice kien datat 26 ta` Lulju 2006, u billi l-ittra ufficjali kienet prezentata fid-29 ta` Novembru 2012, u allura wara li kienu ghaddew sitt snin, il-perijodu ta` hames snin skond l-Art 2156(g) tal-Kap 16 kien ghadda.

Ghall-fini ta` kompletezza u in vista tal-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Mejju 2014 (fol 1208) il-Qorti tirrileva illi d-Direttur esprima ruhu fis-sens illi l-preskrizzjoni kwinkwennali ma setghetx issehh ghaliex kien hemm **rinunzja** da parti tal-Bank u **interruzzjoni** da parti tad-Direttur. Skond id-Direttur, kien hemm rinunzja bl-email li baghat l-Av. Eric Mamo ghall-Bank fit-13 ta` Settembru 2011. Ighid ukoll li l-preskrizzjoni kienet imbaghad interrotta bil-laqgha bejn il-partijiet. Id-direttur isostni wkoll illi kien hemm **ammissjoni** da parti tal-Bank fis-sens illi r-ricerki saru kif kien rikjest u baqghu ma ngabrux.

Skond l-**Art 2109(1) tal-Kap 16** : *Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista` tkun espressa jew taċita.*

Skond l-**Art 2109(2) tal-Kap 16** : *Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal- jedd akkwistat.*

Skond l-**<u>Art 2133 tal-Kap 16</u>** : *Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*

Skond l-**<u>Art 2134 tal-Kap 16</u> :** *Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**<u>Is-socjeta kummercjali Dominic Department Stores Limited vs Is-socjeta kummercjali Malta Diary Products Limited</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*14. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk: "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

*Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta` l-Appell tat-30 ta` Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe. jinghad hekk: "Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista` tkun diretta u espressa, b`dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista` tkun diretta u tacita, b`fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista` tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b`mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt ;*

*Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI. P. 190, para. 179), "........... nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca..........."*

*Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci ...... Il-Baudry- Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi:- "Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito".*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/NC**) fil-kawza "**Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission**" inghad hekk :-

*Illi l-Artikolu 2133 tal-Kap.16 jiddisponi li "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*

*"Kif josserva l-Laurent ir-rikonoxximent huwa rinuzia ` Chi riconosce I diritti del creditore fa una rinuncia ..... il riconoscimento implica una rinunzia; coll` ammetere il diritto della persona contro la quale si sta prescrivendo io rinuncio a valermi del tempo gia corso a mio profitto`. Il-gurisprudenza maltija [Prim Awla **Farrugia vs Perini]** ikkunsidrat l-interruzzjoni anki bhala `l` abdicazione di un diritto` [App.Civ. **Alfred Brownrigg vs Giuseppe Fenech]***

*Inoltre, l-artikolu 2134 tal-istess Kap jiddisponi li "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih".*

*Illi in kwantu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni gia kompita, din il-Qorti, diversament presjeduta Fil-kawza **Annunziato Camilleri vs Angelo Borg** [Prim Awla 21 ta` Marzu 1959] ], osservat li min jaccetta li jhallas parti minn somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwistata.*

…

*F` dan ir- rigward huwa rilevanti dak li osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Anthony Guillaumier vs Joseph Cassar Aveta** fis-sens li trattattivi bi skop ta` transazzjoni jinterrompu l-preskrizzjoni u jghatu fondament ghar-rinuzja interruttiva tacita tal-istess "reggiandosi negli effetti la rinunzia alla prescrizione alla ricognizione, sia pure tacita, del proprio debito sull fondamento che il debitore quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle pretese e fa` abbastanza perche` il precetto [tal-ligi] sia sodisfatto [Vol.XXIV.II.589; XXXII.I.639; XVIII.II.621; XLII.I.153]"*

…

*In tema legali jigi osservat li l-ligi tistipula li "Tista` ssir rinunzja ghall-*

*preskrizzjoni gia akkwistata" [Art.2108(2)] u fl-Artikolu sussegwenti tghid hekk: "(1) Ir-rinunzja ghall- preskrizzjoni tista` tkun espressa jew tacita; (2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat".*

*Illi r-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv ta` l-azzjoni trid tirrizulta "da un fatto che suppone l`abbandono del diritto acquistato.... Comunque sia, non potrebbe esservi dubbio sul pensiero della Corte...... La volonta` tacita` deve essere tanto certa quanto la volonta` espressa....... il fatto deve essere di tale natura, che non lasci nessun dubbio sulla intenzione di abbandonare il diritto acquisito colla prescrizione". Fi kliem iehor ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tikun rizultat ta` attijiet jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b` haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni* ***[Vol.XXIX.I.326].*** *Fil-kaz ta` dubbju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur.*

Fil-kawza tal-lum irrizulta li d-Direttur baghat invoice lill-Bank fis-26 ta` Lulju 2006 ghall-ammont ta` Lm 5,092.40. Kien biss fit-12 ta` Settembru 2011, **aktar minn hames snin wara**, illi d-Direttur kiteb lill-Bank u talbu jhallas il-kont – Dok. EM1. Fir-risposta tieghu, il-Bank filwaqt li jghid li ma kienux gabru r-ricerki ghaliex kienu oggezzjonaw ghalihom, jghid *"The invoice is in our humble opinion not due".* Qal ukoll illi l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(e).

Il-Qorti tinnota li fl-2011, l-Art 2149(e) tal-Kap 16 kien diga` gie emendat bl-Att VIII tas-sena 2007. Infatti l-Art 2149(e) thassar u sar minflok l-Art 2156 (g) biex b'hekk il-preskrizzjoni *"ghal salv kif provdut f`xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta` Malta, għall-ħlas ta` drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra."* – nbidlet minn sentejn ghal hames snin.

Fil-15 ta` Settembru 2011, id-Direttur wiegeb billi qal li jekk il-Bank ihoss li hemm bzonn ta` laqgha ghandu jiffissa wahda, u fis-16 ta` Settembru 2011, id-Direttur rrisponda billi kiteb *"I acknowledge your objection letter."* Wara dawn l-iskambji, jirrizulta mill-affidavit ta` Dr German, illi fis-27 ta` Ottobru 2011, saret laqgha bejn il-partijiet ; fl-inkontru, issemmew l-hwejjeg li kienu l-mertu tal-iskmbji, u l-partijiet ftehmu li d-Direttur kellu jerga` jara n-noti sabiex jaccerta ruhu jekk kienx hemm inkluzi noti irrilevanti. Fit-2 ta` Marzu 2012, id-Direttur informa lill-Bank illi n-noti kienu kollha rilevanti u li ghalhekk kellu jsir l-hlas – Dok. B. Dr. German ikompli

jixhed illi fis-26 ta` Marzu 2012, il-Bank informa lid-Direttur li, bla pregudizzju kien lest ihallas l-ammont ta` €1,186.21 *"to cover your administrative expenses and in the interest of maintaining the good rapport we have always had."* B`risposta d-Direttur informa lill-Bank li ma kienx qed jaccetta dak il-hlas ghax il-hlas dovut kien ta` €11,862.10. **Dawn id-dokumenti mhumiex fil-process tal-kawza**. Jigi sottolineat il-fatt illi l-Bank konvenut ghamel il-proposta *"minghajr pregudizzju"* u *"to cover your administrative expenses and in the interest of maintaining the good rapport we have always had."* Imbaghad fit-13 ta` Settembru 2012, id-Direttur baghat "Final Notice" sabiex il-Bank ihallas sat-13 ta` Ottobru 2012. Fl-4 ta` Novembru 2012, kienet pprezentata l-ittra ufficjali skond l-Art 466 tal-Kap 12, li giet ikkontestata bil-proceddiment tal-lum.

Fuq l-iskorta ta` dawn il-fatti, jirrizulta illi l-ittra ufficjali kienet prezentata wara sitt snin li harget l-invoice ghall-hlas u cioe` mis-26 ta` Lulju 2006 sad-19 ta` Novembru 2012. Irrizulta wkoll li l-Bank kien oggezzjona fil-pront ghall-ammont pretiz mid-Direttur u ma ghamel l-ebda pass li bih id-Direttur seta` jissoponi li l-Bank kien qieghed jinterrompi l-preskrizzjoni tant illi l-Bank baqa` ma gabarx ir-ricerki. Il-Bank baqa` jsostni l-oggezzjoni tieghu tul z-zmien kollu. Il-Qorti hija fermament konvinta illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni mill-Bank li kien qed jirrikonoxxi d-debitu. Anzi dejjem wera l-intenzjoni tieghu li ma jaghtix rinonoxximent ghall-kreditu de quo tad-Direttur. Daqstant iehor il-Qorti hija tal-fehma illi ma kien hemm l-ebda rinunzja da parti tal-Bank ghall-preskrizzjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex sabiex il-Qorti taccetta li kien hemm rinunzja ghal dritt, trid titnissel f`mohh ic-certezza morali li kien hemm l-intenzjoni ta` rinunzja. Fuq il-provi li kellha l-Qorti m`ghandha l-ebda dubju li l-posizzjoni tal-bank qatt ma kienet u lanqas qatt ta *da intendere* lid-Direttur li kien qed jirrinunzja ghall-preskrizzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tiddikjara preskritta skond l-Art 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta t-talba ghall-hlas mertu ta` dan il-procediment.**

**Konsegwentement tiddikjara illi l-fatt illi l-HSBC Bank Malta plc baqa` ma hallasx l-ammont li kien indikat fl-ittra ufficjali tad-9 ta` Novembru 2012 li d-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta kontra l-HSBC Bank Malta plc, liema ittra ufficjali kienet notifikata lill-HSBC Bank Malta plc, ma jaghti l-ebda titolu esekuttiv favur id-Direttur tar-Registru Pubbliku kontra l-HSBC Bank Malta plc kif pretiz mid-Direttur tar-Registru Pubbliku skond l-Art 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------